Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9416/25

LIMITE

ACP 33
WTO 48
RELEX 657
COAFR 110
FDI 14

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju għal ftehim ta' faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...**

**ta' ...**

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju għal ftehim ta' faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim ta' faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehim ta' faċilitazzjoni tal-investiment sostenibbli mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju.

Il-Kummisjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom isiru abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Grupp tal-Ħidma dwar l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali għandu jkun assoċjat.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC